# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Brignone**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Joseph Brignone** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 471888M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar il-15 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tal-11:30 F'Misrah Santa Margerita, f'Bormla :

(1) insulenta, inġurja jew hedded bil-kliem lil Ritianne Felice;

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

(3) u aktar talli fl-istess ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna biża lil Ritienne Felice li kienet ser tintuża vjolenza kontra tagħħa jew kontra proprjeta tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti aħwa subien jew bniet jew xi persuni oħra msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali;

(4) U aktar talli saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BAR 052 tal-għamla Maruti u saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu

liċenza tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija jew l-awtoritajiet kompetenti;

(5) Talli saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tielet imputazzjoni ġiet kontestata ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet ukoll lil Ritienne Felice titlob lil Qorti sabiex teżentaha milli tixhed sabiex bl-ebda mod ma tinkrimina lilha nnifisha tenut kont tal-involviment tagħha fil-fatti li taw lok għal dan il-każ, nonche li kienet qegħda tirtira l-kwerela magħmula minnha u rrinunzjat għall-azzjoni kriminali li kienet mexxiet.

Semgħet lill-imputat jammetti l-ewwel u t-tieni imputazzjoni inkluż wara li l-Qorti spjegatlu bl-aktar mod solenni u dettaljatament il-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tiegħu u minkejja li tatu żmien biżżejjed sabiex jekk ried jirtirha, huwa tenna li kien ħati ta' dawn iż-żewġt imputazzjonijiet.

Rat li t-tielet imputazzjoni kontestata lilu kienet marbuta ma data, ħin u lok speċifiċi u għalhekk ma tipprovdix għall-possibilita' li l-allegat aġir tal-imputat jinkwadra ruħu f'"course of conduct" kif meħtieġ mill-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati għall-fini tal-integrazzjoni tar-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni.

## ***Decide***

Li wara li rat l-Artikoli 338(dd), 339(1)(e) u 251B tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u filwaqt li ssib lill-imputat :

(a) mhux ħati tat-tielet imputazzjoni stante li hija karenti minn *course of conduct* skont il-Liġi u għalhekk mhux legalment sostenibbli u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena,

(b) u ma ssibux ħati tal-ħames imputazzjoni stante li ma ġiex soddisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi, u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena;

(c) fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, issibu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet stante l-ammissjoni tiegħu

(d) u ssibu ħati wkoll tar-raba imputazzjoni stante li ġiet soddisfaċentement ippruvata.

In kwantu ta' piena :

i. fir-rigward tar-raba' imputazzjoni tikkundannah għall-multa ta' mitejn euro (€200) li għandha titħallas permezz ta' pagamenti mensili ta' €50 b'mod ininterrott u konsekuttiv;

ii. u fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ għandha tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali minflok ma twħħal piena u għalhekk wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, tqiegħed lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għall-perjodu ta' sena millum taħt penali t'elf euro (€1000), liema obbligazzjoni qegħda ssir mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-ħati għal jeddijiet t'aċċess u komunikazzjoni ċivili bejnu l-parti civile Ritienne Felice fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-minuri Tenisha Felice u Faith Brignone.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 14 ta' Marzu 2016.***

*Aaron M. Bugeja*